**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 10**

**It-Tnejn, 15 ta' Mejju 2023**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-4.48 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor Paula Mifsud Bonnici* u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti għal-laqgħa.

*Sostitut tal-Onor. Karol Aquilina.

L-Onor. Adrian Delia u l-Onor. Andy Ellul kienu assenti.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 9 li saret l-Erbgħa, 10 ta' Mejju 2023, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DR RAYMOND BONDIN GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-PAKISTAN**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 4 ta' April 2023, li fiha kien hemm 12-il nomina għal Ambaxxaturi mhux residenti. Skont ftehim li ntlaħaq fil-laqgħa Nru 8 li saret fit-2 ta' Mejju 2023, dawn in-nomini kienu se jitqassmu fuq numru ta' laqgħat u l-Kumitat kien ser jeżamina kull nomina individwalment.

Il-Kumitat kellu quddiemu n-nomina ta' Dr Raymond Bondin għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Pakistan.

Il-Kumitat stieden lil Dr Raymond Bondin sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Dr Bondin kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Dr Raymond Bondin daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Dr Raymond Bondin li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Dr Ray Bondin ta rendikont tal-karriera tiegħu fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u ma' Heritage Malta. Huwa kellu diversi karigi diplomatiċi bħala ambaxxatur għall-Portugall u l-Bulgarija, kif ukoll Ambaxxatur għall-UNESCO u delegat permanenti. Ġie mqabbad mill-Unesco biex jattendi diversi missjonijiet relatati ma' wirt nazzjonali f'pajjiżi oħra u dan ix-xogħol kien jinvolvi wkoll xogħol diplomatiku.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

L-Onor. Amanda Spiteri Grech staqsiet x'opportunitajiet ġodda jista' jkun hemm għar-relazzjonijiet bejn Malta u l-Pakistan. Dr Bondin spjega li diġà kien hemm opportunitajiet ta' skambju bejn iż-żewġ pajjiżi għaliex għal xi żmien il-Pakistan kien silef ajruplani lill-kumpanija tal-ajru Maltija, l-Air Malta. Huwa qal ukoll li f'Malta hawn bosta nies ġejjin mill-Pakistan li qed jaħdmu fis-settur tas-saħħa, fosthom tobba u infermiera. Dr Bondin spjega li wara l-pandemija COVID-19, il-Pakistan kien bata ħafna fil-qasam tal-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-ikel.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dr Raymond Bondin u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-4.55 p.m. Dr Raymond Bondin irtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dr Raymond Bondin għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Pakistan. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-4.56 p.m. il-Kumitat stieden lil Dr Raymond Bondin jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Dr Raymond Bondin daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Pakistan kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Fil-4.56 p.m. Dr Raymond Bondin irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' PROF. LINO BIANCO GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-BOŻNIJA-ĦERZEGOVINA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 4 ta' April 2023, dwar in-nomina ta' Prof. Lino Bianco għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Börnija-Ħerzegovina.

Il-Kumitat stieden lil Prof. Lino Bianco sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Prof. Bianco kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Prof. Lino Bianco daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Prof. Lino Bianco li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Prof. Lino Bianco ta rendikont tal-karriera tiegħu. Huwa kien Ambaxxatur għall-Bulgarija u fl-aħħar snin għar-Rumanija u l-Moldova. Bħala Ambaxxatur għall-Bulgarija ħadem sabiex jiżdiedu l-kuntatti u, fost ħidmiet oħra, għen fit-twaqqif tal-Maltese-Bulgarian Chamber of Commerce u l-Maltese-Bulgarian Circle. Huwa ppubblika wkoll ktieb li jinkludi ħafna riċerka li għamel fuq il-belt kapitali tal-Bulgarija, Sofia. Meta kien responsabbli għall-Moldova ħadem biex isiru l-kuntatti neċessarji sabiex il-pajjiż jimxi 'l quddiem ukoll. Prof. Bianco enfasizza li mix-xogħol li għamel tul is-snin, tgħallem li l-aktar għodda importanti sabiex jinbena pedament sod fir-relazzjonijiet, hija l-fiduċja bejn il-pajjiżi.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

L-Onor. Amanda Spiteri Grech staqsiet lil Prof. Bianco dwar xi pjanijiet għandu jekk ikun approvat għall-kariga li hu nominat għaliha. Prof. Bianco stqarr li r-relazzjonijiet bejn Malta u l-Bożnija-Ħerzegovina huma skarsi u kważi kollox irid jibda mill-bidu. Mir-riċerka li kien għamel sab memoranda of understanding li kienu jmorru lura għall-2010 u qabel, għalhekk illum m'għadhomx validi. Spjega li jkunu jridu jiġu identifikati wkoll xi individwi li wieħed jista' jafda sabiex ikunu konsli ta' Malta. Hu ssuġġerixxa li jibda minn fejn hu komdu hu personalment, jiġifieri l-qasam edukattiv, imbagħad jimxi lejn il-qasam tan-negozju.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Prof. Lino Bianco u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.09 p.m. Prof. Lino Bianco rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Prof. Lino Bianco għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Bożnija-Ħerzegovina. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.10 p.m. il-Kumitat stieden lil Prof. Lino Bianco jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Prof. Lino Bianco daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Bożnija-Ħerzegovina kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Fil-5.10 p.m. Prof. Lino Bianco irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SA ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-BULGARIJA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 4 ta' April 2023, dwar in-nomina tas-Sa Anne Marie Muscat Fenech Adami għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Bulgarija.

Il-Kumitat stieden lis-Sa Anne Marie Muscat Fenech Adami sabiex tidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulha mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li s-Sa Muscat Fenech

Adami kienet bagħtet lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sa Anne Marie Muscat Fenech Adami daħlet fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sa Muscat Fenech Adami li d-domandi u t-tweġibiet tagħha kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sa Muscat Fenech Adami tat rendikont tal-karriera tagħha bħala Sindku tal-lokalità tan-Naxxar, fejn bdiet bħala Kunsilliera imbagħad inħatret Sindku. Hija spjegat li bħala parti mix-xogħol tiegħu l-Kunsill jorganizza u jattendi konferenzi varji, u jaħdem biex it-talenti tal-lokalità jinqasmu ma' oħrajn f'Malta u barra mill-pajjiż.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

Għall-mistoqsija tal-Onor. Amanda Spiteri Grech dwar jekk kenitx għamlet kuntatt mal-Bulgarija u x'kuntatti hemm stabbiliti diġà, is-Sa Anne Marie Muscat Fenech Adami qalet li hi kienet marret il-Bulgarija kemm-il darba u għamlet ħafna kuntatti ma' stabbilimenti. Saret referenza wkoll għar-rabtiet varji diġà eżistenti mal-Bulgarija, fosthom dawk kummerċjali u turistiċi.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sa Muscat Fenech Adami u talabha sabiex tirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tagħha.

Fil-5.14 p.m. is-Sa Anne Marie Muscat Fenech Adami rtirat mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sa Anne Marie Muscat Fenech Adami għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Bulgarija. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.15 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sa Muscat Fenech Adami tidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sa Anne Marie Muscat Fenech Adami daħlet fil-kamra tal-Kumitat u ġiet informata li n-nomina tagħha għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Bulgarija kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Fil-5.15 p.m. is-Sa Anne Marie Muscat Fenech Adami irringrazzjat lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtirat mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DR NOEL CAMILLERI GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-GEORGIA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 4 ta' April 2023, dwar in-nomina ta' Dr Noel Camilleri għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Georgia.

Il-Kumitat stieden lil Dr Noel Camilleri sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Dr Camilleri kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Dr Noel Camilleri daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Dr Noel Camilleri li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Dott. Noel Camilleri ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala avukat u stqarr li għalkemm ma kellux esperjenza fid-diplomazija, matul is-sitt xhur li Malta kellha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kiseb esperjenza utli meta mexxa working group ta' esperti tas-27 pajjiż biex jiġu introdotti u implimentati ċerti liġijiet fl-oqsma tas-sistema diġitali u l-copyright.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

L-Onor. Amanda Spiteri Grech għamlet referenza għall-passi li kienet ħadet il-Georgia sabiex tkun parti mill-Unjoni Ewropea sal-aħħar tas-sena 2023 u staqsiet lil Dr Camilleri dwar proġetti li għandu maħsuba għal koperazzjoni akbar bejn Malta u l-Georgia. Dr Camilleri tkellem dwar oqsma li fihom hemm aspetti komuni bħall-edukazzjoni u l-kultura u qal li jista' jsir ftehim bilaterali sabiex jixpruna aktar koperazzjoni, inkluż fl-ambitu tal-konnettività. Huwa ssuġġerixxa li jista' wkoll isir xi tip ta' ftehim dwar il-ħruġ ta' visas għal ċittadini tal-Georgia li jkunu se jidħlu Malta.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dr Noel Camilleri u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.19 p.m. Dr Noel Camilleri rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dr Noel Camilleri għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Georgia. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.20 p.m. il-Kumitat stieden lil Dr Noel Camilleri jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Dr Noel Camilleri daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Georgia kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Fil-5.21 p.m. Dr Noel Camilleri irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fil-5.22 p.m.il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna għal data li kellha tiġi kkomunikata 'l quddiem.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**